

## II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/667

tat-23 ta' April 2021

li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) L-entrata għal persuna waħda jenħtieġ li titħassar billi din mietet.
- (3) L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2021.

Għall-Kunsill  
Il-President  
A. P. ZACARIAS

¹) ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

## ANNESS

Fir-Regolament (UE) 2016/44, fl-Anness III (Lista ta' persuni fiziċċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2), fil-Parti A (Persuni), l-entrata 9 (dwar AL-GAOUD, Abdelmajid) titħassar.

---